
Pep Arcos

# Il-Garni jeħtieġ l-għajnuna tiegħek

Il-Garni naqas sew f'dawn l-aħħar deċenni, tant hu hekk li llum l-ispeċi hija meqjusa VULNERABBLI fir-*Red List* tal-IUCN. Hija wkoll elenkata f'*Annex 1* tad-Direttiva tal-Għasafar tal-UE, ħaġa li tagħti protezzjoni speċjali lil dan l-għasfur kull fejn jinzerta fil-pajjiżi tal-UE. L-inħawi fejn ibejjet huma wkoll protetti bħala siti Natura 2000 bis-saħħa tad-Direttiva tal-Ħabitati tal-UE.

## Inti tista' tagħmel differenza

Minkejja dan, il-Garni xorta għadu mhedded mill-attività tal-bniedem. Aħna nistgħu nagħmlu differenza billi nnaqqsu l-impatt tagħna fuq dan it-tajr, billi:


Ma nħallux skart (speċjalment organiku) meta nżuru x-xtut jew l-irdumijiet


Innaqqsu l-istorbju u d-dwal filgħaxija meta nżuru l-irdumijiet


Ma nidħlux b'lanċ u dgħajjes f'għerien fejn ibejjet dan it-tajr


Jekk insibu Garni ferut, mitluf jew mejjet inċemplu lil BirdLife Malta (+356 21347646)

Kitba Paulo Lago • Fotografija Pep Arcos, Ben Metzger • Arti u disinn Victor Falzon

## LIFE Arċipelagu Garnija

LIFE14 NAT/MT/991

L-iskop ta' LIFE Arċipelagu Garnija huwa li nrendu l-Gżejjer Maltin iktar żguri għall-Garni. Ix-xogħol li qed isir biex jintlaħaq dan l-għan jinkludi li:

- **Nikkontrollaw** il-predaturi (speċjalment firien) fl-inħawi tal-kolonji prinċipali
- **Noħolqu** stampa sħiħa tad-daqs u l-lokalità tal-kolonji kollha tal-Garni fil-pajjiż
- **Inqajmu** kuxjenza publika biex innaqqsu t-theddid (eż. skart) fl-inħawi qrib il-kolonji
- **Innaqqsu** t-tniġġis tad-dawl mill-port taċ-Ċirkewwa, li jinsab qrib kolonji importanti
- **Nistudjaw** l-effett tat-tniġġis tad-dawl waqt *bunkering* tal-vapuri qrib il-kolonji, u nieħdu passi konkreti biex innaqqsu dan l-effett
- **Innaqqsu** t-tfixkil tal-kolonji minn attività rikreattiva jew kummerċjali fuq lanċ u dgħajjes
- **Nżiguraw** sapport ikbar fost il-Maltin lejn il-ħarsien ta' din l-ispeċi.

Il-Proġett qed jitmexxa minn BirdLife Malta fuq firxa ta' ħames snin (Sett 2015 – Aww 2020), u huwa kofinanzjat (60%) mill-UE.

Msieħba tal-Proġett

BirdLife Malta · tm Transport Malta · rspb giving nature a home

Proġett kofinanzjat minn

MINISTRY FOR SUSTAINABLE DEVELOPMENT, THE ENVIRONMENT AND CLIMATE CHANGE

Żomm ruħek aġġornat

Segwi xogħolna u sib iktar tagħrif fil-websajt
www.birdlifemalta.org/arcipelagugarnija

facebook/arcipelagugarnija @MaltaSeabirds

Tel +356 21347646 Imejl info@birdlifemalta.org

2017


LIFE ARĊIPELAGU GARNIJA

# Nagħmlu pajjiżna post aħjar għall-Garni

Pep Arcos




Il-Garni jgħaddi kważi ħajtu kollha jbaħħar.

## Fejn jgħixu 10 fil-mija tal-popolazzjoni dinjija

Il-**Garnija** hija tajra tal-baħar li tgħix biss fir-reġjun tal-Mediterran. **Xi 10% (1370–2000 par) tal-popolazzjoni dinjija ta' din l-ispeċi tbejjet fil-Gżejjer Maltin.** Huwa għalhekk li l-ħarsien tal-popolazzjoni Maltija ta' Garni huwa kruċjali għas-sopravivenza dinjija ta' din l-ispeċi.

Il-Maltin għandhom għalxiex ikunu kburin li l-Gżejjer tagħna jilqgħu fihom numru tant sabiħ ta' Garni li jbejjet. Imma fl-istess ħin dan il-fatt jgħabbina b'responsabbiltà għall-ħarsien tagħhom.

## Żmien il-bejta

Il-Garnija hija tajra tal-passa u ma tgħaddix ħajjitha kollha f'Malta. Il-Garni jkun fl-inħawi ta' Malta l-iktar fl-istaġun tal-bejta, jiġifieri minn Frar sa Lulju. Dan it-tajr ibejjet l-iktar f'għerien, xquq u tħaffir mas-sisien u l-irdum tal-baħar, kif ukoll fuq gżejriet ġeblin. F'ħafna mill-irdum max-xatt tal-Punent u n-Nofsinhar ta' Malta, Għawdex u Kemmuna jinsabu kolonji ta' din l-ispeċi. Għall-ħabta ta' Marzu l-mara tbid bajda waħda fl-art fil-ħofra tagħha, imbagħad il-ġenituri jalternaw biex isaħħnuha. Meta l-fellus ifaqqas f'April, il-ġenituri jittajru lejn il-baħar biex jaqbdu ħut, krustaċi u klamari għall-ferħ tagħhom. Biex ifittxu l-ikel jivvjaġġaw mijiet ta' kilometri – anke sa Sqallija, it-Tuneżija u l-Libja – u kapaċi jgħoddsu sa 30m fond għall-priża. Jerġgħu lura l-art fid-dlam, u jsibu l-bejta bis-saħħa tal-għajjat tagħhom u sens tajjeb ta' xamm. Il-frieħ itajru għal Ġunju–Lulju u wara dan il-biċċa l-kbira tal-Garni jpassi lejn il-Baħar l-Iswed.

**Il-Proġett qed jaħdem fi 13-il lokalità mifruxin mal-Gżejjer Maltin. Il-kolonji prinċipali tal-Garni fil-Gżejjer Maltin qegħdin fl-Irdum tal-Madonna, fil-Majjistral, fuq Kemmuna u matul ix-xtut fil-Lbiċ ta' Għawdex u Malta.**




110-190 Il-figuri juru n-numru approssimattiv ta' pari li jbejtu




Isem bil-Malti **Garnija**
Isem bl-Ingliż **Yelkouan Shearwater**
Isem xjentifiku ***Puffinus yelkouan***
Tul tal-ġisem **30–35ċm** Fetħa tal-ġwienaħ **70–84ċm**
Deskrizzjoni: **Ġisem mislut bi ġwienaħ twal u dojoq, kannella skur minn fuq u abjad minn taħt; munqar irqiq bit-tarf milwi 'l isfel, u b'imnifsejn esterni forma ta' tubu**
Status legali f'Malta: **protett**




Fellus tal-Garnija


Tniġġis mid-dawl
Id-dawl minn bliet max-xtut u minn *bunkering* fil-baħar iħawwad lill-frieħ tal-Garni meta dawn iħallu l-bejta, u jaffettwa l-attività fil-kolonji.
Tniġġis tal-baħar
Il-Garni jbati mill-effett tal-iskart fil-baħar speċjalment meta jibla' *microplastics* u żjut industrijali.
Żvilupp
Il-bini u l-iżvilupp ħdejn l-irdumijiet ifixkel il-kolonji tal-Garni u jeqred il-ħabitat fejn ibejtu.
Qbid bi żball
Is-sajd bil-konz huwa t-theddida prinċipali fil-baħar għall-Garni.
Tniġġis mill-ħoss
Dwal u storbju minn attività rikreattiva jew kummerċjali fuq laneċ u dgħajjes ifixkel il-kolonji tal-Garni waqt l-istaġun tal-bejta.
Predazzjoni
L-iskart mitluq min-nies qrib il-kolonji tal-Garni jiġbed lejh il-firien, li jattakkaw u joqtlu l-flieles tal-Garni fil-bejta u jiklulhom il-bajd.
Il-Garni qiegħed fil-periklu
LIFE ARĊIPELAGU GARNIJA
Life
NATURA 2000
2017
Victor Falzon